MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 99/2010

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sittax (16) t'April tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) bir-rit civili u minn dan iz-zwieg huma ghandhom tifel li jismu D li twieled fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998).

Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha,

jew b'anomalija pisikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana kif se jigi provat fil-mori ta' dina l-kawza;

Illi in oltre, bla hsara ghall-paragrafu precedenti, dan iz-zwieg huwa wkoll null stante li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana kif se jigi pprovat fil-mori ta' dina l-kawza;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tas-16 t'April 1997, ikkontrattat bejn iz-zewg partijiet huwa null ghar-ragunijiet kollha suesposti jew ghal xi raguni wahda minnhom u tghaddi biex tohrog dawk l-ordnijiet jew direttivi kollha li jidhrilha xierqa ghar-registrazzjoni ta' dana l-istat gdid mal-awtoritajiet kollha kompetenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qed jingieb in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2010, fejn il-konvenut ta' ruhu b'notifikat bl-atti tal-kawza.

Rat li, minkejja dan, huwa ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat, l-ewwelnett illi l-partijiet f'din il-kawza ltaqghu meta kellhom xi dsatax-il sena. L-attrici kienet gejja minn ambjent familjari difficli ferm. Iz-zwieg tal-genituri taghha kien wiehed infelici. Missierha kien vjolenti hafna. Kienet imdejqa hafna tghix mal-genituri taghha.

E F tghid hekk:

"*Jiena nezercita l-professjoni ta' psikoterapista. Jiena, pero', il-partijiet nafhom bhala hbieb, bhala habiba tal-*

*attrici u mhux fil-kors tal-professjoni tieghi. Jiena lill-attrici ilni nafha mindu kellna 10 snin u minn dejjem naf li kien hemm l-inkwiet fil-familja taghha. Kien hemm inkwiet bejn missierha u ommha kif ukoll bejnha u bejn missierha u anke fil-konfront t'ohtha kien hemm l-inkwiet. Jien naf li missierha kien ragel strett u naf li kien ukoll vjolenti. L-attrici kienet tghidli li kien isawwat lil ommha u jekk niftakar tajjeb anke lilha kien isawwat ghaliex kienet tibza hafna minnu. Naf illi d-dar taghhom qatt ma kien hemm atmosfera sabiha, anke jien kont nibza minn missierha. ... dejjem nafha trid titlaq mid-dar. Jiena kont narahom ferhanin pero' kont nara illi hi kienet qed tahrab mis-sitwazzjoni tad-dar u wara, tul iz-zwieg taghhom u mbaghad bdejt nirrealizza li kienu s-salvazzjoni ta' xulxin.*"

Meta ltaqghet mal-konvenut, hasbet li sabet mezz biex tahrab minn dik is-sitwazzjoni. Infatti kien tassew kaz ta' harba.

"*F'Gunju tal-1996, ta' 19-il sena ma flahtx aktar u tlaqt mid-dar go dan il-post bla bibien u twieqi u mimli trab. La kelli fridge, la sodda ghajr saqqu u lanqas kcina.*"

Wara li l-girien indunaw li l-partijiet ma kinux mizzewgin, il-koppja zzewgu malajr malajr.

"*Il-C ghidtlu li ahjar nizzewgu minhabba f'ilsien in-nies u f'temp ta' xahrejn, tlieta, organizzajt wahdi t-tieg bic-civil. Lil C kelli biss nghidlu f'liema data u hin ried ikun f'liem post.*

*Giet il-gurnata tat-tieg (16 ta' April 1997) u bhas-soltu tghidx kemm iggilidna. Indunajt li kont ser naghmel zball izda ma ridtx naqa ghac-cajt man-nies li kont ghidt li ha nizzewweg.*

*Meta wasalt fir-'restaurant' fejn kellna nizzewgu b'cerimonja zghira, missieri kien qed jistennieni barra u qalli biex ma naghmilx zball u li ghadni fic-cans li nerga' ndur lura. Jien ma ridtx li jindahalli aktar f'hajti u webbist rasi u zzewwigt kontra qalbu.*"

L-attrici ssostni li l-kunsens taghha ghaz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga. Issostni wkoll illi l-kunsens ghaz-zwieg inkiseb b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu.

Dwar l-ewwel kawzali nvokata, dawn il-Qrati kellhom hekk xi jghidu:

“*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (<u>autonomia</u>) from all force from within*” (“**Janet Portelli vs Victor Portelli**”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Awissu, 1995).

Fid-dawl ta’ dan l-insenjament, il-Qorti tqis li l-attrici, effettivament, dak iz-zmien li tat il-kunsens taghha naqasha dak il-livell ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju necessarju biex jirrendi validu l-kunsens taghha. Kienet imdejqa u mbezza’ u riedet tahrab mis-sitwazzjoni. Il-mod kif hadet id-decizjonijiet importanti f’hajjitha jixhdu dan.

Ghar-rigward tal-eskluzjoni taz-zwieg innifsu allegat, il-Qorti temmen li hawnhekk ukoll jezisti l-vizzju tal-kunsens ravvisat fil-ligi. Ghall-attrici, dan iz-zwieg kien wiehed ta’ konvenjenza u l-Qorti ma tistax ma tqabbilx is-sitwazzjoni tal-attrici ma’ dik ta’ persuna li tizzewweg biex ma jkollhiex ghalfejn tirritorna f’pajjizha.

**Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba tal-attrici u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-16 ta’ April 1997, huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------